IKLIN

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 45 – IT- TNEJN 12 TA' APRIL 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
|---|---|---|
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Joseph Camilleri | Kunsillier |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuutiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru erba' u erbgħin (44) kienu ntbagħtu lil kull membru tal -Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn it-23 ta' Marzu u t-12 ta' April 2010.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0794/10. Din tirreferi għall-avviz liġab il -Kunsill Lokali f'gazzetta lokali dwar l-applikazzjoni li għamel mal-Mepa biex isir restawr fuq ħitan tas-sejjieħ, flus ġejjin mi Il-Unjoni Ewropea.

2.3. Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0816/10. Dan kien kont li bagħat il-Perit tal-Kunsill dwar applikazzjonijiet li daħħal il-Mepa dwar restawr ta'ħitan tas-sejjieħ.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0834/10. Din kienet stedina mid-Dipartment tal-Edukazzjoni għal preżentazzjoni ta' għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali li diġa għandhom Librerija u li saret fit-30 ta' Marzu fil-Librerija Nazzjonali.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0894/10. Fuq talba tal-Kunsill Lokali, l-Awtorita' Trasport Malta ikkonfermat li jsir 'single-yellow line' fi Pjazza Ninu Cremona (wara l-Knisja) u quddiem ir-residenzi biex ma' jipparkja ħadd.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn it-23 ta' Marzu u t-12 ta' April 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward rapporti Nru. 24-03/1; 122157, 122158; 25/03-1; 25/03-2122495; 122642; kollha bozoz fuq arbli ta' l-Enemalta, il-Kunsill reġa' għal darb'oħra kiteb lill-Enemalta biex jieħdu passi immedjati.

3.3 Rigward talba Nru. 25/03-3 biex issir 'Motor-Cycle bay' fi Triq Karm Vassallo; il-Kunsill qiegħed jinvestiga din it-talba.

3.4 Rigward ilment Nru. 25/03-4 dwar trakkijiet ipparkjati lejl u nhar fi Triq Karm Vassallo; il-Kunsill sejjer jinvestiga dan il-kaz u jieħu passi skond il-liġi.

3.5 Rigward ilment Nru. 25/03-5 dwar tlett karozzi li qegħdin 'For Sale' fi Triq Ċensu Busuttil; il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.6 Rigward ilment Nru. 01/04-2 dwar ħmieġ tal-klieb quddiem residenti fi Triq San Mikiel; il-Kunsill jifhem li din hija problema kbira u qed jagħmel li jista' biex fejn jista' jibgħat il-Wardens.

3.7 Rigward ilment Nru. 05/04-1 minn resident li joqgħod fi Triq Ġużè' Galea dwar vannijiet tal-ħaxix li jdumu siegħat twal fl-istess post u fi Triq Geronimo Abos ukoll; il-Kunsill barra li ċempel l-Għassa , għamel rapport bil-miktub biex il-Pulizija tieħu passi skond il-liġi.

3.8 Rigward talba Nru. 07/04-1 dwar siġra li ffullat bejn żewġt id-djar fi Pjazza Ninu Cremona; il-Kunsill investiga dan il-kaz u sab li din is-siġra qiegħda fir-rampa tal-garaxx li hija propjeta` privata. Il-Kunsill sejjer ikellem lis-sid.

3.9 Rigward rapport Nru. 08/04-1 li fi Triq il-Wied fin-naħa t'isfel, fuq ix-xellug hemm għalqa li fiha ħafna imbarazz u qed tkerrah l-ambjent. Il-Kunsill sejjer jagħmel rapport mal-Mepa.

3.10. Rigward rapport Nru. 09/04-1 li fi Triq Geronimo Abos xi ħadd qed jirranġa d-dar bla permess u li qed itajjar it-trab ma' kullimkien. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jekk hemm bżonn jirraporta lill-Mepa.

3.11 Rigward ilment Nru. 12/04-1 li fi Triq Ħarruba c/w Triq il-Wied, trakkijiet li qed jidħlu bix-xogħol ħdejn it-Tower Crane, kissru l-bankina ta' faċċata. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.12 Rigward ilment Nru. 18710086122814 dwar tappiera tad-drenaġġ fi Triq Dun Karm li qed tħabbat meta jgħaddu l-karozzi; il-Kunsill diġa ħa passi u nforma lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIEQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Segretarju ressaq kont ta' €28 għall-parteċipazzjoni fil-wirja annwali li issir fil-ġonna ta' San Anton, L-Għaqda Maltija tal-Ortikultura. Il-Kunsill jappparteċipa billi jippreżenta qoffa mimlija frott u ħaxix.

4.4 Kulħadd qabel li nipparteċipaw f'din il-Wirja.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 05125/08. Sit fi Triq il-Wied. Proposta għal villa semi-detached. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata. Id-Deċiżjoni oriġinali tibqa.

5.3 Dwar PA 05554/09. Sit fi Triq Prinjol. Bini ta' żewġ semi-detached bungalows u semi-basment taħt. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.4 Dwar PA 03423/09. 113, Triq Geronimo Abos. Approvazzjoni biex jitwaħħlu tined tal-canvas. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.5 Dwar PA 02350/09. Bini maġenb Russell Buildings, Triq in-Naxxar. Alterazzjonijiet ġewwa u barra biex jinqalab uffiċċju għal żewġ ħwienet għal klassi 4 u approvazzjoni tal-cladding. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.6 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
PA 00282/10. Upgrading ta' car wash eżistenti inkluz installazzjoni ta' P.V. panels, ġiebja taħt l-art, ħanut, tabella u tibdil ta' ħanut minn klassi IV għal klassi VI. Hal Mann Car Wash, Triq San Mikiel c/w Triq Naxxar.
PA 00737/10. Biex titwaħħal tabella tixgħel fuq il-faċċata tax-showroom fil-għoli . 5,7, Triq Censu Bugeja.
PA 00750/10. Bini ta' villa semi-detached. Sit fi Triq Prinjol.
PA 00952/10. Żieda ta' żewġ kmamar fuq in-naha ta' wara ta' bungalow eżistenti. Mandolina, Triq il-Wied.
PA 01052/10. Ftit żieda ta' bini eżitenti fit-tieni sular ta' maisonette. Osprey, Triq il-Klin.

5.7 Kien hemm talba mingħand il-konsulent tagħna biex nagħmlu oġġezzjoni fuq PA 00737/10. 5,7, Triq Censu Bugeja. Twaħħil ta' tabella tixgħel fuq il-faċċata in-naħa ta' fuq.

**6. WIFI ACCESS POINTS.**

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli qara Memo 51/2010 dwar offerta mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq "Access Għal Wifi" fil-lokal. Il-Kunsill ried isib post li għandu s-servizz tat-telefon, elettriku u jkun ġo kamra. Hu fakkar li diġa hemm "point" tal-Wifi fl-uffiċċju tal-Kunsill għal użu ta' kulħadd.

6.2 Is-Sur Dalli issuġġerixxa li dan il-"point" isir fuq is-saqaf tas-sala tal-Kunsill fejn hemm is-servizzi kollha u jintlaħaq mir-residenti ta' dawk l-inħawi.

6.3 Wara li talab il-proposti tal-Kunsilliera preżenti, kulħadd kien tal-fehma li l-Wifi isir hemmhekk.

6.4 Għaldaqstant sejra issir l-applikazzjoni formola mad-Dipartiment biex nikkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħna.

**7. JUM L-IKLIN**

7.1 Is-Sur Dalli ħabbar l-attivajiet kif ġej:

1) 19 ta' Ġunju. Sports Festival.( Flus ġejjin mill-iskema "Attivitajiet Sportivi" Segretarju Parlamentari Żgħażagħ u Sports)
2) 20 ta' Ġunju. Jum Il-Missier – Ġurnata għawm ġo pixxina.
3) 26 ta' Ġunju. Quddiesa ta' Jum L-Iklin.
4) 27 ta' Ġunju. Car Free Day. L-attivita' ssir fi Triq Geronimo Abos fejn tingħalaq it-triq u ssir Bike Ride fl-istess triq.
5) 28 ta' Ġunju. Proposta Ħarġa għal Ghawdex.
6) 29 ta' Ġunju. Ġurnata Sqallija (skond in-numru ta' parteċipanti).
7) Proposti oħra kienu: Ħuġġiega ta' San Ġwann fl-24 ta' Ġunju; Mixja fil-kampanja fl-Iklin stess; Ħarġa l-baħar wara nofs in-nhar l-quddiem u BBQ f'Popeye Village.

7.2 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jaħsbu ftit fuq dan il-programm.

**8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli beda biex qal li l-Iskola Primarja ta' Ħal-Lija kienu sejrin jorganizzaw ġurnata "Health Week" fil-Padiljun ta' Qali għat-tfal u l-ġenituri tagħhom. Huma talbu l-għajnuna tal-Kunsill Lokali peress li hemm ħafna tfal mill-Iklin li jmorru f'din l-iskola.
Is-Sindku kien qed jipproponi li ngħinu fit-trasport.

8.2 Ħabbar li wara li kellna laqgħa mar-rapprezentanti tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq il-bankini ta' Triq Ċensu Busuttil, fejn il-Korporazzjoni kienet qed titlob lil-Kunsill Lokali joħroġ l-ispiża tax-xogħlijiet tal-Mains, spiża ta' madwar €17,800, il-Kunsill kien qiegħed jirrifjuta li jidħol għal dan ix-xogħol li mhux responsabbilta' tiegħu.
Il-Korporazzjoni, għaldaqstant, kienet qed tipproponi li l-Kunsill Lokali jħaffer trinek taħt il-bankini għas-spejjez tiegħu, imbagħad il-Korporazzjoni tgħaddi l-Mains u x-xogħlijiet tal-'House connections' għas-spejjez tagħha.
Il-Kunsill qal li l-ewwel sejjer iġib stima ta' dawn it-trinek wara li jintgħażel il-kuntrattur il-ġdid imbaghad wara javża lil-Korporazzjoni bid-deċiżjoni tiegħu.

8.3 Kien hemm proposta mill-Kunsilliera biex nagħtu xitla żgħira tal-Klin lil kull resident, li hija simbolu tal-lokalita' tagħna,. Din intlaqgħet tajjeb minn kulħadd preżenti.

8.4 Is-Sindku Anthony Dalli semma l-Laqgha tas-Sindki li sejra ssir fl-14 u 15 ta' Mejju ġewwa Għawdex. Għaliha sejrin jattendu s-Sindku Anthony Dalli u l-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo.

8.5 Ħabbar ukoll li sejrin jibdew il-Courses taħt l-iskema "LifeLong Learning" fil-Malti u l-Inġliz fix-xahar li ġej. Dawn ilhom isiru għal bosta snin u dejjem kellna konkorrenza.
Għal l-ewwel darba din is-sena d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien qed joffri skema ta' għajnuna finanzjarja għall-korsijiet. Dan qed isir fuq bażi 50-50, fejn id-dipartiment iħallas 50 fil-mija ta' l-ispejjez, u l-Kunsill Lokali il-50 fil-mija l-oħra. Hemm diversi korsijiet u minnhom il-Kunsill għażel dawn li ġejjien: Energy Saving Initiatives at home; Computer Awarness u The use of Internet and E-mail; Consumer Rights; Health and Wellbeing; First Aid.
Il-Kunsill Lokali dalwaqt joħroġ sejħa għal dawn il-korsijiet li jkunu b'xejn.

8.6 Is-Sur Dalli ħabbar li l-attivita' ta' Jum L-Omm sejra tiġi organizzata fil-5 ta' Mejju. Dettalji jingħataw aktar 'il quddiem.

8.7 Ħabbar ukoll li l-Kunsill Lokali sejjer jorganizza "Coach" għaż-Żgħażagħ nhar il- Ħadd 18 ta' April biex jattendu għall-attivitajiet tagħhom mal-Qdusija Tiegħu l-Papa, l-Waterfront il-Belt għal dawk li applikaw mal-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.01 Il-Kunsillier Ronald Cauchi għamel l-intervent tiegħu u irrefera għal-sit fi Triq il-Wied (l-isfel mis-Sub-station tal-Enemalta) fejn qiegħed jinqata' l-blat.
Hu qal li l-Kunsill għandu jinvestiga x'qiegħed isir mill-ħamrija u forsi jekk hemmx il-pjanta endemika Klin li hija s-simbolu tal-lokalita' tagħna, l-Iklin.

9.02 Kemm is-Sindku Anthony Dalli kif ukoll l-Kunsilliera qablu li għandna nieħdu passi. Għaldaqstant il-Kunsill sejjer javviċina l-Mepa biex jara x'jgħidu l-kundizzjonijiet tal-permess dwar ħamrija, pjanti endemiċi u kundizzjonijiet

oħra.

9.03 Peress li ma kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgha ġiet fi tmiemha fis-6.35pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 26 ta' April 2010 fil-5.30pm.

9.04 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill tat-Tnejn 26 ta' April 2010 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Anthony Dalli** | **Alfred Naudi** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |